

Brussell, 30 ta' Ġunju 2026
(OR. en)

11345/26

ESE 2

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2026) 325 final
Suġġett:	RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL Rapport Annwali 2025: L-għoxrin rapport annwali dwar l-implimentazzjoni tal-assistenza tal-UE skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 389/2006 tas-27 ta' Frar 2006 li jstabbilixxi strument ta' sostenn finanzjarju għall-inkoraġġiment tal-iżvilupp ekonomiku tal-komunità Turko-Ċiprijotta

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2026) 325 final.

Mehmuż: COM(2026) 325 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 30.6.2026
COM(2026) 325 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

Rapport Annwali 2025: L-għoxrin rapport annwali dwar l-implimentazzjoni tal-assistenza tal-UE skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 389/2006 tas-27 ta' Frar 2006 li jistabbilixxi strument ta' sostenn finanzjarju għall-inkoraġġiment tal-iżvilupp ekonomiku tal-komunità Turko-Ċiprijotta

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

Rapport Annwali 2025: L-għoxrin rapport annwali dwar l-implimentazzjoni tal-assistenza tal-UE skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 389/2006 tas-27 ta' Frar 2006 li jistabbilixxi strument ta' sostenn finanzjarju għall-inkoraġġiment tal-iżvilupp ekonomiku tal-komunità Turko-Ċiprijotta

1. INTRODUZZJONI

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 389/2006¹ (ir-“Regolament dwar l-Għajnuna”) huwa l-bażi għall-forniment ta' assistenza lill-komunità Turko-Ċiprijotta u jeżiġi rapportar annwali lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew. Il-programm ta' għajnuna għall-komunità Turko-Ċiprijotta għandu l-għan li jiffaċilita r-riunifikazzjoni ta' Ċipru billi jhegġegħ l-iżvilupp ekonomiku ta' din il-komunità, b'enfasi partikolari fuq: (i) l-integrazzjoni ekonomika tal-gżira; (ii) it-titjib tal-kuntatti u l-bini ta' kompromessi bejn iż-żewġ komunitajiet u mal-UE; u (iii) it-tħejjija għall-implimentazzjoni tal-*acquis* tal-UE, sussegwentement għal soluzzjoni għall-problema ta' Ċipru.

2. PROGRAMMAR TAL-ASSISTENZA

Bejn l-2006 u t-tmiem tal-2025, ġew programmati EUR 760 670 469,93 għal operazzjonijiet skont ir-Regolament dwar l-Għajnuna. L-ammont impenjat f'Settembru 2025 għall-programm ta' azzjoni annwali tal-2025 kien ta' EUR 33 721 307,00². Il-qafas finanzjarju pluriennali tal-2021-2027, b'baġit totali ta' EUR 240 miljun, ipprova finanzjament pluriennali għall-programm. Il-programm ta' għajnuna jibqa' ta' natura eċċezzjonali u tranżitorja. Dan għandu l-għan li jħejji u jiffaċilita l-applikazzjoni sħiħa tal-*acquis* fiż-żoni tar-Repubblika ta' Ċipru fejn il-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru ma jeżerċita kontroll effettiv sussegwentement għal soluzzjoni għall-problema ta' Ċipru.

Fil-każ ta' soluzzjoni komprensiva tal-problema ta' Ċipru, il-Kunsill, abbażi ta' proposta mill-Kummissjoni, se jiddeċiedi b'mod unanimu dwar l-adattamenti neċessarji għar-Regolament dwar l-Għajnuna. Barra minn hekk, ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093³ jipprevedi reviżjoni tal-qafas finanzjarju pluriennali f'każ ta' riunifikazzjoni.

3. MEKKANIŻMI TA' IMPLIMENTAZZJONI

Il-programm ta' għajnuna huwa implimentat fiż-żoni tar-Repubblika ta' Ċipru fejn il-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru ma jeżerċita kontroll effettiv (iż-“żoni li mhumiex

¹ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 389/2006 tas-27 ta' Frar 2006 li jistabbilixxi strument ta' sostenn finanzjarju għall-inkoraġġiment tal-iżvilupp ekonomiku tal-komunità Turko-Ċiprijotta u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2667/2000 dwar l-Aġenzija Ewropea għar-Rikostruzzjoni (ĠU L 65, 7.3.2006, p. 5).

² Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Settembru 2025 dwar l-adozzjoni ta' Programm ta' Azzjoni għall-komunità Turko-Ċiprijotta għas-sena 2025 [C(2025) 6117] - [Aid Programme decision 2025 - European Commission](#).

³ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 (ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 11).

ikkontrollati mill-gvern”) u fejn l-applikazzjoni tal-*acquis* hija sospiża temporanjament skont il-Protokoll 10 tal-Att tal-Adeżjoni. L-assistenza hija implimentata taħt ġestjoni diretta u indiretta.

Il-Kummissjoni tkompli timplimenta l-programm ta’ ġhajna f’kuntest politiku, legali u diplomatiku uniku. L-ġhota ta’ assistenza skont ir-Regolament dwar l-Ġhajna ma jimplikax rikonoxximent ta’ xi awtorità fiż-żoni li fihom il-Gvern tar-Repubblika ta’ Ċipru ma jeżerċitax kontroll effettiv. Huma meħtieġa arranġamenti *ad hoc* biex jiġi implimentat il-programm filwaqt li jiġu rispettati l-prinċipji ta’ ġestjoni finanzjarja tajba. L-ġhodod użati f’dan ir-rigward jinkludu: (i) monitoraġġ dettaljat tal-kuntratti u appoġġ immirat għall-benefiċjarji; (ii) kundizzjonijiet ta’ ħlas riveduti; u (iii) approċċ bir-reqqa għall-użu ta’ garanziji bankarji. L-assistenza tinvolvi ammont sinifikanti ta’ sostenn ta’ ġhotjiet, li jirrikjedi ġestjoni intensiva fir-riżorsi.

Fil-każ li sseħħ ir-riunifikazzjoni u tidħol fis-seħħ soluzzjoni komprensiva, tiġi rtirata s-sospensjoni tal-applikazzjoni tal-*acquis* skont il-Protokoll Nru 10. Għal din ir-raġuni, u biex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni tal-proġetti ffinanzjati permezz tal-programm ta’ ġhajna, il-komunità Turko-Ċiprijotta trid tallinja ruħha progressivament mal-*acquis*.

Il-Kummissjoni timplimenta l-proġetti magħżula permezz tal-Uffiċċju ta’ Appoġġ għall-Programm tal-UE fiż-żoni mhux ikkontrollati mill-gvern f’Nikosija. Ir-Rappreżentanza tal-Kummissjoni f’Ċipru tospita wkoll laqgħat, seminars u konferenzi stampa u tikkomunika mal-pubbliku Ċiprijott fil-gżira kollha, inkluż dwar suġġetti relatati mal-programm ta’ ġhajna. Barra minn hekk, l-InfoPoint tal-UE, iffinanzjat skont il-programm ta’ ġhajna, iwettaq firxa ta’ attivitajiet ta’ komunikazzjoni u ta’ viżibilità, billi jipprovdi informazzjoni dwar il-politiki, il-prijoritajiet u l-azzjonijiet tal-UE b’appoġġ għall-komunità Turko-Ċiprijotta filwaqt li jippromwovi l-kultura Ewropea.

4. IMPLIMENTAZZJONI MATUL IL-PERJODU TA’ RAPPORTAR

4.1. Ħarsa ġenerali

Il-Kummissjoni tkompli timplimenta r-Regolament dwar l-Ġhajna bl-ġhan ġenerali li tappoġġa r-riunifikazzjoni.

Matul il-perjodu ta’ rapportar, il-Kummissjoni kompliet tipprovdi appoġġ għal inizjattivi ewlenin. Dawn jinkludu: (i) il-programm ta’ boroż ta’ studju tal-UE għall-komunità Turko-Ċiprijotta; (ii) il-programm ta’ edukazzjoni għall-paċi għall-istudenti tal-iskejjel superjuri mal-United World Colleges; (iii) l-appoġġ għal miżuri għat-taktir tal-fiduċja taħt l-awspiċċi tal-mexxejja rispettivi taż-żewġ komunitajiet, bħall-Kumitat għall-Persuni Nieqsa f’Ċipru, il-Kumitat Tekniku għall-Wirt Kulturali, u l-Kumitati Tekniċi bikomunali; u (iv) inizjattivi li jħeġġu u jippermettu l-kummerċ minn naħa għall-oħra tal-Linja l-Ħadra.

L-appoġġ għall-iżvilupp soċjoekonomiku tal-komunità jibqa’ karatteristika essenzjali tal-programm.

Ġiet ipprovduta assistenza mfassla apposta biex jiġu aġġornati l-istandards f’setturi ekonomiċi ewlenin permezz ta’ proġetti mmirati lejn is-settur privat u n-negozji tal-ikel. Saru sforzi sinifikanti biex jittejbu s-saħħa tal-annimali u s-sikurezza tal-ikel fil-komunità Turko-Ċiprijotta, li huma ta’ benefiċċju għall-gżira kollha u għall-UE.

Il-Kummissjoni kompliet tipprovdi appoġġ lill-komunità Turko-Ċiprijotta biex tilħaq l-istandards tal-UE stabbiliti mill-miżuri adottati fl-2021, billi rreġistra il-“Χαλλούμ”

(“Halloumi”/“Hellim”) bħala denominazzjoni ta’ oriġini protetta (DOP) u stabbiliet il-kundizzjonijiet għall-kummerċ tiegħu tul il-Linja l-Ħadra. Il-Kummissjoni kompliet ukoll tlaqqa’ l-grupp ta’ ħidma informali dwar il-“Halloumi”/“Hellim”, li jlaqqa’ flimkien partijiet ikkonċernati miż-żewġ komunitajiet Ċiprijotti.

Fl-2025 tnedew proġetti infrastrutturali sinifikanti ffinanzjati mill-UE. Dawn kienu jinkludu: (i) l-estensjoni tal-park lineari ta’ Pedieos/Kanldere fil-parti tat-Tramuntana ta’ Ċipru; (ii) l-espansjoni tal-punt ta’ qsim ta’ Agios Dometios/Metehan; (iii) l-installazzjoni ta’ pannelli fotovoltajċi fl-impjant tat-trattament tal-ilma mormi ta’ Mia Milia/Haspolat; (iv) is-sostituzzjoni tal-pajpijiet tad-drenaġġ li jappartjenu għat-Trunk 1; u (v) it-tqegħid ta’ pajp ta’ ritorn għall-ilma ttrattat.

Għad hemm lakuni konsiderevoli fil-kapaċità tal-benefiċjarji li jimplementaw b’mod effettiv l-*acquis* sussegwentement għal soluzzjoni komprensiva. Madankollu, il-komunità Turko-Ċiprijotta kompliet tagħmel progress fl-allinjament tal-*acquis* f’għadd ta’ oqsma, bħas-sikurezza tal-prodotti, il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus, l-edukazzjoni, l-istatistika u l-ambjent, u wriet interess kontinwu li taħdem f’setturi u f’oqsma addizzjonali.

Fi tmiem is-sena, skont il-programm ta’ għajjnuna kienu qed joperaw 102 kuntratti.

4.2. Progress skont l-għanijiet

L-għan ġenerali tal-programm ta’ għajjnuna huwa li jiffaċilita r-riunifikazzjoni ta’ Ċipru billi jhegġegħ l-iżvilupp ekonomiku tal-komunità Turko-Ċiprijotta. Hemm enfasi partikolari fuq: (i) l-integrazzjoni ekonomika tal-gżira; (ii) it-titjib tal-kuntatti bejn iż-żewġ komunitajiet u mal-UE; u (iii) it-tnejjija għall-*acquis*.

L-attivitajiet imwettqa fl-2025 huma deskritti hawn taħt, għal kull għan tar-Regolament dwar l-Għajjnuna.

4.2.1. Għan 1: Il-promozzjoni ta’ żvilupp soċjali u ekonomiku

Il-Kummissjoni kompliet tippromwovi u tappoġġa l-integrazzjoni u l-iżvilupp ekonomiċi tal-komunità Turko-Ċiprijotta. Hija saħħet l-impenn fit-tul tagħha biex iżżid il-kompetittività u l-innovazzjoni tas-settur privat Turko-Ċiprijott, filwaqt li rrikonoxxiet l-intrapriżi żgħar u ta’ daqs medju bħala s-sinsla tal-attività ekonomika lokali. Sa mill-bidu tal-programm ta’ għajjnuna, l-UE tat aktar minn 2 554 għotja, li jammontaw għal aktar minn EUR 27 miljun għall-iżvilupp tas-settur privat.

Fl-2024, il-Kummissjoni nediet inizjattiva ġdida biex tappoġġa l-innovazzjoni u l-kompetittività msaħħa fin-negozji Turko-Ċiprijotti. Minn dak iż-żmien, il-programm *eunite* – implimentat mad-Deutsche Gesellschaft für Internationale Zusammenarbeit (GIZ) GmbH – ta għotjiet li jammontaw għal kważi EUR 2 miljun lil 45 kumpanija li jinnegozjaw jew li jfittxu li jinnegozjaw min-naħa għall-oħra tal-Linja l-Ħadra, u dan jippermettilhom jallinjaw ruħhom mal-istandards tal-UE. Lil hinn mill-assistenza bl-għotjiet, il-programm *eunite* ta 14-il sessjoni ta’ taħriġ, inklużi workshops dwar ir-regolamenti tal-UE dwar il-prodotti u s-sikurezza tal-ikel, li laħqu lil 338 parteċipant, flimkien ma’ 13-il avveniment ta’ involviment li qabbd u 356 parteċipant ma’ mentors, ma’ pari, u ma’ esperti. 32 negozju ġew appoġġati fl-iżvilupp ta’ pjanijiet direzzjonali ta’ innovazzjoni mfassla apposta, u 16-il imprenditur irċevew mentoraġġ individwali. Il-kompetizzjoni Startups4Peace 2025 kompliet tikkontribwixxi għal kollaborazzjoni transkomunitarja, b’għaxar negozji ġodda (erba’ Griegi-Ċiprijotti u sitt Turko-Ċiprijotti) li bbenefikaw minn mentoraġġ, minn bootcamps u minn finanzjament ta’ avvjament. L-appoġġ għan-negozji Turko-Ċiprijotti kien ikkomplementat minn sforzi

usa' biex jiġu introdotti testi legali lokali dwar is-sikurezza tal-prodotti allinjati mal-istandards tal-UE u sistema ta' sorveljanza tas-suq allinjata mal-UE u kontrolli bbażati fuq ir-riskju fuq oġġetti manifatturati lokalment fil-komunità Turko-Ċiprijotta.

Il-Kummissjoni kompliet ukoll is-sħubija tagħha mal-Bank Dinji biex tappoġġa l-konverġenza ekonomika madwar Ċipru kollu. Il-Bank Dinji pprova rapportar makroekonomiku, appoġġa l-ambjent tal-kummerċ u tan-negozju u tejjeb l-istatistiki. Fl-2025, twettqu żewġ rapporti ewlenin ta' valutazzjoni dwar l-infrastruttura ta' kwalità fil-komunità Turko-Ċiprijotta u l-mobbiltà tal-ħaddiema; dawn se jitlestew fl-2026, flimkien ma' pjanijiet direzzjonali ta' implimentazzjoni. L-investment sostnut tal-UE fl-iżvilupp u fil-konverġenza ekonomiċi qed jgħin biex jittrasforma l-ambjent tan-negozju u n-negozji individwali u jwitti t-triq għal settur privat Turko-Ċiprijott aktar dinamiku u reżiljenti li jikkonforma mal-istandards tal-UE u li huwa lest li jaħtaf l-opportunitajiet tas-suq uniku tal-UE.

L-iskema tad-DOP bikomunali tal-UE tal-“Halloumi”/“Hellim” kompliet tiġi implimentata matul l-2025. Ladarba tkun kompletament fis-seħħ, għandha l-potenzjal li tiġġenera benefiċċji ekonomiċi sostanzjali għall-produtturi Turko-Ċiprijotti tal-“Halloumi”/“Hellim” ukoll. Sal-2025, erba' produtturi Turko-Ċiprijotti u 24 farm ġew iċċertifikati bl-iskema tad-DOP. Il-bidu tal-ispezzjonijiet tas-saħħa tal-annimali u tas-sikurezza tal-ikel fiż-żoni mhux ikkontrollati mill-gvern iddewwem b'mod sinifikanti minħabba li d-delega tas-setgħat lill-Bureau Veritas ġiet posposta għal aktar minn sena sal-aħħar ta' Marzu 2026. Dan kellu impatt negattiv fuq il-parteċipazzjoni tal-partijiet ikkonċernati Turko-Ċiprijotti fl-iskema tad-DOP u l-kapaċità li jimmonitorjaw l-istatus tas-saħħa tal-annimali fil-komunità Turko-Ċiprijotta. Matul is-sena, il-Kummissjoni involviet ruħha mal-awtoritajiet tar-Repubblika ta' Ċipru biex tindirizza dan id-dewmien.

Sar progress fl-isforzi li ilhom għaddejjin biex jissaħħu s-sikurezza tal-ikel u l-ġestjoni tas-saħħa tal-annimali, l-agrikoltura u l-iżvilupp rurali allinjati mal-UE fil-komunità Turko-Ċiprijotta. Fl-2025, tnedja l-ewwel programm ta' tniissil tan-nagħaġ u tal-moġħoż, u s-Sistema tal-Għarfien u tal-Innovazzjoni Agrikoli (AKIS, Agricultural Knowledge and Innovation System) fil-komunità Turko-Ċiprijotta gābet magħha opportunitajiet ġodda għal dan is-settur ekonomiku ewlieni. L-assistenza fit-tul tal-UE kienet strumentali biex tgħin lill-komunità Turko-Ċiprijotta timplimenta malajr azzjonijiet ta' emerġenza b'reazzjoni għat-tifqigħa tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer f'Diċembru 2025. Meta wieħed iqis is-severità tal-marda u r-riperkussjonijiet ekonomiċi tagħha fil-gżira kollha, l-appoġġ fit-tul tal-UE għal dan is-settur jibqa' prijorità.

Fl-2025, il-Kummissjoni kompliet bl-appoġġ tagħha għas-settur tal-edukazzjoni, b'enfasi fuq l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET, vocational education and training) u t-taħriġ tal-għalliema. Tnedja proġett ġdid ta' assistenza teknika biex jiġu stabbiliti s-sistemi li ġejjin fl-iskejjel tal-edukazzjoni vokazzjonali: waħda għall-assigurazzjoni tal-kwalità, waħda għall-għoti tal-kreditu, u waħda għall-akkreditazzjoni. Dan jibni fuq il-ħidma sinifikanti preċedenti fir-riforma tal-VET u fl-iżvilupp tal-kurrikulu. Il-proġett dwar “It-titjib tat-tagħlim u tal-apprendiment permezz ta' żvilupp professjonali kontinwu u mekkaniżmu ta' spezzjoni”, li ġie konkluż fl-2025, kellu impatt pożittiv fuq il-modernizzazzjoni u fuq id-deċentralizzazzjoni tat-taħriġ tal-għalliema fil-komunità. Ir-riżultat ewlieni tal-proġett kien li jiġu żviluppatti aktar minn 100 modulu f'erba' oqsma ewlenin: it-tagħlim u l-apprendiment effettivi, l-edukazzjoni inklużiva, skejjel sikuri u t-tmexxija fl-iskejjel. Il-proġett bħalissa qed jiġi implimentat, iżda għad hemm sfidi minħabba oqfsa legali sottożviluppatti, bħan-

nuqqas ta' definizzjoni għar-rwol ta' ħarrieġ tal-għalliema, responsabbli għat-taħriġ tal-għalliema dwar il-moduli l-ġodda. L-isforzi biex tiġi indirizzata din l-isfida legali għadhom prijorità f'dan is-settur u qed jingħata appoġġ permezz tal-Istrument ta' Assistenza Teknika u Skambju ta' Informazzjoni (TAIEX, Technical Assistance and Information Exchange Instrument).

Fl-2025, il-Kummissjoni kompliet tipprovdi appoġġ biex issaħħaħ il-kummerċ minn naħa għall-oħra tal-Linja l-Ħadra. Minkejja dawn l-isforzi, il-kummerċ minn naħa għall-oħra tal-Linja l-Ħadra naqas b'5 % għal EUR 14,4 miljun fl-2025, prinċipalment minħabba ż-żidiet fil-prezzijiet fil-komunità Turko-Ċiprijotta. Matul is-sena, l-ebda ikel proċessat ġdid ta' oriġini mhux mill-annimali ma seta' jiġi nnegozjat fuq il-Linja l-Ħadra. Il-komunità tan-negozju wriet rieda kbira li ttejjeb il-konformità mal-istandards tal-UE. Dan intwera minn għadd dejjem akbar ta' domandi indirizzati lill-Punt Uniku ta' Servizz tal-UE (EU OSS) għall-kummerċ tal-Linja l-Ħadra, li jipprovdi għarfien, appoġġ u opportunitajiet ta' networking lin-negozji u lill-kummerċjanti interessati jew involuti fil-kummerċ minn naħa għall-oħra tal-Linja l-Ħadra. Sa mill-bidu tal-inizjattiva fl-2023, il-Punt Uniku ta' Servizz tal-UE pprova appoġġ imfassal apposta lil aktar minn 100 negozjant.

4.2.2. *Għan 2: L-iżvilupp u r-ristrutturar tal-infrastruttura*

Mill-2006, ġie pprovdut finanzjament sinifikanti mill-UE biex tettejjeb l-infrastruttura fil-komunità Turko-Ċiprijotta. Fl-2025, ġew installati 153 kilometru addizzjonali ta' pajpijiet tad-drenaġġ biex jissostitwixxu t-tankijiet settiċi bil-ħsara, li jistgħu jikkontaminaw l-ilma ta' taħt l-art. Investimenti aktar reċenti kienu jinkludu sistemi ta' ġestjoni tal-ilma u networks tal-ilma mormi, miżuri ta' effiċjenza enerġetika, u sistemi ta' kejl tal-kwalità tal-arja u tal-istorbju. Inbdew proġetti ta' infrastruttura bikomunali daqstant importanti, bħall-espansjoni tal-punti ta' qsim ta' Agios Dometios/Metehan u r-riabilitazzjoni tal-park lineari tax-xmara Pedieos/Kanlidere.

L-isfidi strutturali marbuta mat-tħaddim tal-landfill fil-komunità Turko-Ċiprijotta komplew u saru aktar akuti fl-2025. L-operat u l-ġestjoni batuti tal-faċilità tal-landfill ma ġewx ikkoreġuti b'mod sistematiku, u dan wassal biex il-landfill tkun kważi kompletament mimlija u tikkomprometti s-sostenibbiltà tal-immaniġġjar ġenerali tal-iskart fil-komunità Turko-Ċiprijotta.

Biex ittejjeb u tipproteġi l-ambjent, il-Kummissjoni kompliet tappoġġa lill-komunità Turko-Ċiprijotta billi lestiet ir-rinnovazzjoni tan-network lokali tal-kwalità tal-arja u l-kapaċitajiet ta' monitoraġġ tal-ilma. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ffinanzjat valutazzjoni tal-konċentrazzjoni tal-metalli tqal fil-ħamrija, fl-ilma ta' taħt l-art u fl-għelejjel mill-pjanura ta' Morphou. Dawn l-attivitajiet huma essenzjali biex tettejjeb il-kapaċità tal-korpi lokali biex jimmonitorjaw, jevalwaw u jrawmu l-preżervazzjoni tar-riżorsi naturali filwaqt li jimminimizzaw ir-riskji għas-saħħa tal-bniedem u għall-bijodiversità.

Il-Programm ta' Żvilupp tan-Nazzjonijiet Uniti (UNPD, United Nations Development Programme) kompli jimplimenta l-Faċilità għall-Infrastruttura Lokali (LIF) tal-UE permezz ta' ftehimiet ta' kontribuzzjoni mal-Kummissjoni, li jammontaw għal aktar minn EUR 37 miljun. L-LIF tappoġġa t-tnejn u l-implimentazzjoni ta' investimenti essenzjali fl-infrastruttura, bħal: (i) it-titjib tas-sistema tad-drenaġġ fiż-żona ta' Mandres/Hamitköy; (ii) l-installazzjoni ta' tankijiet tal-ilma, ta' sistemi ta' ppumpjar u ta' pannelli fotovoltajċi f'Lefka/Lefke; (iii) il-forniment ta' faċilitajiet u ta' taġmir

sportivi f' diversi skejjel; u (iv) il-bini ta' unità ta' aċċettazzjoni ta' septaġġ għall-impjant tat-trattament tal-ilma mormi ta' Mia Milia/Haspolat.

4.2.3. *Għan 3: It-trawwim tar-rikonċiljazzjoni, ta' miżuri għat-taktir tal-fiduċja, u ta' sostenn lis-soċjetà ċivili*

L-opportunitajiet għad-djalogu bikomunali, ir-rikonċiljazzjoni u l-bini tal-fiduċja komplew jiġu pprovduti permezz ta' inizjattivi għat-taktir tal-fiduċja taħt l-awspiċji tan-Nazzjonijiet Uniti. Dan jinkludi l-Kumitat għall-Persuni Neqsin (CMP, Committee on Missing Persons) f' Ċipru u l-Kumitati Tekniċi bikomunali, kif ukoll il-ħidma tal-Forum ta' Djalogu ta' Ċipru, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-programm ta' boroż ta' studju offrut fi sħubija mal-United World Colleges (UWC).

Fl-2025, l-UE allokata EUR 2,6 miljun lis-CMP, filwaqt li żammet il-livell kostanti ta' appoġġ mill-2006 u b'hekk ikkontribwiet b'mod sostanzjali għall-konsolidazzjoni tal-paċi. Dan iġib il-kontribuzzjoni totali tal-UE għall-Kumitat għall-Persuni Neqsin fil-livell ta' EUR 41,1 miljun. Dan il-finanzjament jirrappreżenta madwar 80 % tal-baġit operatorju totali tas-CMP, li jkopri attivitajiet kritiċi tal-laboratorju u fuq il-post. Sa tmien l-2025, is-CMP kien eżuma 1 714-il fdal u identifika 1 063 mill-2 002 persuni neqsin li qed jinvestiga. Madankollu, hekk kif jgħaddi ż-żmien, l-investigazzjonijiet u l-iskavi tas-CMP qed isiru dejjem aktar kumplessi u jeħtieġu finanzjament sostnut.

Il-programm ta' għajnuna kompla jappoġġa t-13-il Kumitat Tekniku (korpi bikomunali stabbiliti taħt l-awspiċji tan-NU), li joperaw taħt il-gwida diretta tal-mexxejja taż-żewġ komunitajiet. Dawn il-kumitati jwettqu mandat doppju: jiġu ffaċilitati n-negozjati politiċi filwaqt li titrawwem il-kooperazzjoni Prattika biex tittejjeb il-ħajja ta' kuljum taż-żewġ komunitajiet.

Il-Kumitat Tekniku għall-Wirt Kulturali (TCCH, Technical Committee on Cultural Heritage) rċieva b'mod konsistenti finanzjament mill-UE mill-2011. Dan l-appoġġ finanzjarju ppromwova r-rikonċiljazzjoni u l-kollaborazzjoni bejn il-komunitajiet billi ssalvagwardja siti kulturalment sinifikanti, inklużi monumenti u ċimiterji reliġjużi. Sa tmien l-2025, it-TCCH kien irċieva madwar EUR 32,5 miljun f'finanzjament tal-UE, li ppermetta l-konservazzjoni, it-tiħiħ strutturali, il-protezzjoni fiżika jew ir-restawr ta' aktar minn 200 sit madwar il-gżira. Biex ihegġegħ l-interess pubbliku, il-programm żviluppa pjattaforma diġitali għal żjarat virtwali fuq siti u stabbilixxa inizjattiva tal-Ambaxxaturi taż-Żgħażaġħ tal-Patrimonju biex jinvolvu liż-żgħażaġħ Ċiprijotti fil-preżervazzjoni u l-promozzjoni tal-wirt kulturali tagħhom.

Il-programm ta' għajnuna pprova wkoll assistenza mmirata lit-12-il Kumitat Tekniku li jifdal permezz ta' faċilità ta' appoġġ dedikata. Bejn l-2023 u l-2025, intużaw EUR 1 miljun minn tmien kumitati, li ffinanzjaw firxa varjata ta' inizjattivi, minn kooperazzjoni teknika dwar kwistjonijiet ta' politika (eż. il-kontroll tal-pesti) għal avvenimenti ta' sensibilizzazzjoni fil-komunità (eż. wirja ta' ritratti bikomunali). L-impatt ta' dawn il-kumitati kien ristrett minn klima politika mhux favorevoli u limitazzjonijiet operazzjonali, iżda l-eżistenza kontinwa tagħhom bħala pjattaforma kollaborattiva għadha sinifikanti.

Fl-2025, il-programm ta' boroż ta' studju lil disa' studenti Griegi-Ċiprijotti u disa' studenti Turko-Ċiprijotti addizzjonali, li jippermettulhom jirreġistraw mal-United World Colleges (UWC). Sa mill-bidu tagħha, l-iskema appoġġat 82 zaġħzuġħ u żgħażuġħa Ċiprijott eċċellenti biex isegwu programm ta' sentejn ta' Bakkalawrjat Internazzjonali, li jfittex li jgħaqqad individwi fit-tfittxija tal-paċi u ta' futur sostenibbli.

L-inizjattiva ta' boroż ta' studju ġiet ikkomplementata minn attivitajiet ta' involviment taż-żgħażaġh u minn korsijiet qosra f'Ċipru, li laħqu aktar minn 450 żaġħżuġh u żaġħżuġha sa tmiem l-2025. Dawn l-isforzi taw is-setgħa lill-parteċipanti biex jixprunaw bidla soċjetali pożittiva fil-komunitajiet tagħhom.

L-appoġġ għas-soċjetà ċivili kompli fl-2025. Il-proġetti Civic Space u Grant Support Team tlestew b'suċċess u proġett ta' segwitu li għaqqad dawn is-servizzi beda f'Diċembru 2025 b'baġit ta' EUR 2,3 miljun. Matul is-sentejn u nofs li ġejjin, il-proġett Civic Space aġġornat se jkompli jipprovi assistenza teknika lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili biex jibnu l-kapaċitajiet tagħhom, inkluż fil-ġestjoni u fl-implimentazzjoni tal-fondi tal-UE. L-għanijiet tiegħu jinkludu l-promozzjoni ta' ambjent abilitanti għall-iżvilupp tas-soċjetà ċivili u t-tħeġġiġ ta' networking u azzjonijiet konġunti ma' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili Griegi-Ċiprijotti u organizzazzjonijiet oħra tal-UE (OSC). Bl-appoġġ tal-UE, l-OSC lokali lestew b'suċċess proġetti li jindirizzaw, pereżempju, id-drittijiet tal-minoranzi sesswali, u l-promozzjoni tal-impjeg ta' persuni b'diżabilità u ta' eks ħabsin. Il-Kummissjoni ffaċilitat ukoll il-kooperazzjoni fost l-OSC Griegi-Ċiprijotti u Turko-Ċiprijotti fl-oqsma tal-ksur tad-drittijiet tal-bniedem, il-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin, il-kultura, iż-żgħażaġh u l-involviment f'azzjonijiet soċjali.

Permezz tad-disa' skema ta' għotjiet tas-Soċjetà Ċivili Ċiprijotta fl-Azzjoni, ingħataw 16-il għotja li ammontaw għal EUR 2,22 miljun. Il-proġetti magħżula jkopru oqsma importanti, inklużi: (i) il-protezzjoni tal-ambjent u l-iżvilupp sostenibbli; (ii) ir-rikonċiljazzjoni; (iii) it-taktir tal-fiduċja; u (iv) il-promozzjoni tal-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili fil-proċess ta' soluzzjoni. Proġetti kruċjali oħra jmexxu 'l quddiem il-ħidma fuq l-emanċipazzjoni tan-nisa u l-appoġġ għall-vittmi ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru, il-promozzjoni tal-perspettivi taż-żgħażaġh, id-drittijiet tas-saħħa, id-drittijiet tal-annimali u l-ħolqien ta' ambjent abilitanti għall-OSC.

Fl-2025, il-Forum ta' Djalogu ta' Ċipru – li jlaqqa' flimkien il-partiti politiċi, it-trade unions, l-assoċjazzjonijiet ta' impriżi, professjonali u tal-impjegaturi u l-OSC miż-żewġ komunitajiet – kompli l-ħidma tiegħu bil-finanzjament tal-UE. Il-Forum organizza diversi laqgħat tal-grupp ta' ħidma politiku tiegħu, li huwa magħmul minn politiċi mill-biċċa l-kbira tal-partiti fiż-żewġ komunitajiet. Fost dawn il-laqgħat, il-grupp kellu diskussjoni mal-Mibgħut Speċjali tal-UE għal Ċipru, Johannes Hahn. Il-grupp ta' ħidma dwar ix-xogħol tal-Forum nieda l-Gwida tas-Suq tax-Xogħol tiegħu, riżorsa trilingwi b'aċċess miftuħ li tikkonsolida l-istatistiki ewlenin dwar l-impjegi u l-ekonomija miż-żewġ komunitajiet fuq il-gżira. Barra minn hekk, il-Pjattaforma tad-Drittijiet tal-Bniedem iffinanzjata mill-UE kompliet twettaq attivitajiet iffukati fuq l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, il-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin, id-drittijiet tar-refuġjati, id-drittijiet tal-LGBTI+, u l-libertà ta' assoċjazzjoni, ta' espressjoni u tal-istampa.

4.2.4. *Għan 4: It-tressiq tal-komunità Turko-Ċiprijotta iżjed lejn l-UE*

Mill-2022, il-Kummissjoni ssieħbet mal-Goethe-Institut biex timplimenta l-Programm ta' Boroż ta' Studju tal-UE għall-komunità Turko-Ċiprijotta. B'kollox, ngħataw 142 għotja ta' boroż ta' studju lil studenti Turko-Ċiprijotti matul is-sena akkademika 2024/2025 biex jistudjaw fi Stat Membru tal-UE. Barra minn hekk, ġiet żviluppata strateġija għall-alumni biex l-alumni jkunu jistgħu jaġhmlu networking, jinvolvu

ruħhom u jisfruttaw il-ħiliet u l-opportunitajiet tagħhom, kif ukoll biex jiżdied l-għadd tagħhom li jirritornaw fil-komunità Turko-Ċiprijotta bħala professjonisti.

Mill-2007 'l hawn, ingħataw lil studenti 2 418-il borża ta' studju, li jkopru aktar minn 100 università u 23 pajjiż tal-UE. Dawn il-boroż ta' studju jappoġġaw: (i) lill-istudenti matul l-ewwel sena tal-istudji universitarji tagħhom; (ii) lill-istudenti gradwati fil-programmi ta' master jew ta' dottorat tagħhom; u (iii) lir-riċerkaturi u lill-professjonisti biex jiżviluppaw ulterjorment il-ħiliet lingwistiċi u professjonali tagħhom madwar l-Istati Membri tal-UE.

L-InfoPoint tal-UE huwa ġestit mill-Uffiċċju ta' Appoġġ għall-Programmi tal-UE. Fl-2025, permezz tal-attivitajiet tiegħu kemm online kif ukoll offline, huwa kiseb livell għoli ta' viżibbiltà u ta' sensibilizzazzjoni akbar dwar l-impatt tal-programm ta' għajnuna u tar-rwol tal-UE fil-proċess ta' soluzzjoni. L-InfoPoint tal-UE u proġetti oħra ffinanzjati mill-UE organizzaw aktar minn 350 attività ta' komunikazzjoni u ta' viżibbiltà fl-2025, inkluża l-ewwel ċelebrazzjoni bikomunali ta' Jum l-Ewropa, li attirat madwar 5 000 parteċipant. Matul dan il-perjodu, ġew prodotti madwar 30 skeda informattiva, ktejjeb u materjal awdjoviżiv. Abbażi ta' dan l-impenn qawwi, hemm interess ċar u li qed jikber mill-komunità għal aktar avvenimenti ta' informazzjoni relatati mal-UE u attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni fil-perjodu li ġej. Dan l-interess jirrifletti d-domanda kontinwa tal-pubbliku Turko-Ċiprijott għal informazzjoni aċċessibbli, affidabbli u f'waqtha dwar l-UE u l-appoġġ tagħha.

4.2.5. *Għanijiet 5-6: Il-preparazzjoni tal-komunità Turko-Ċiprijotta għall-introduzzjoni u għall-implimentazzjoni tal-acquis*

Biex jiġu implimentati l-għanijiet 5 u 6 tar-Regolament dwar l-Għajnuna jintuża l-istrument TAIEX. Dan jgħin fil-preparazzjoni tal-komunità Turko-Ċiprijotta għall-implimentazzjoni tal-*acquis* ladarba titneħħa s-sospensjoni tal-applikazzjoni tagħha mad-dħul fis-seħħ ta' soluzzjoni komprensiva għal Ċipru.

L-istrument TAIEX jibqa' għodda importanti biex jintlaħqu l-għanijiet tal-programm ta' għajnuna u biex jiġi appoġġat il-kummerċ minn naħa għall-oħra tal-Linja l-Ħadra. L-attivitajiet tat-TAIEX twettqu fi 13-il settur tal-*acquis* tal-UE biex il-komunità Turko-Ċiprijotta tinġieb eqreb lejn l-istandards u l-proċeduri tal-UE. B'kollox, ġew organizzati 81 missjoni ta' esperti u workshop wieħed. Barra minn hekk, komplew l-isforzi biex tittejjeb bażi tad-data tat-testi legali kollha abbozzati bl-appoġġ tat-TAIEX u biex tiġi żgurata li jitkomplew it-traduzzjoni u l-interpretazzjoni ta' kwalità għolja fil-komunità Turko-Ċiprijotta.

L-appoġġ għall-kummerċ minn naħa għall-oħra tal-Linja l-Ħadra (skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 866/2004) baqa' l-aktar qasam attiv u intensiv fir-riżorsi tal-attivitajiet tat-TAIEX. Esperti indipendenti inkarigati mill-Kummissjoni wettqu spezzjonijiet fitosanitarji regolari ta' frott u ħxejjex friski, ta' prodotti tal-pjanti, ta' patata, ta' għasel u ta' bastimenti tas-sajd biex jiżguraw li jkun għew issodisfati l-istandards tal-UE għall-prodotti tal-ikel innegożjati. F'April 2024, il-Ministeru għas-Saħħa tar-Repubblika ta' Ċipru ħareġ ċirkolari li tippermetti l-kummerċ minn naħa għall-oħra tal-Linja l-Ħadra f'sitt kategoriji oħra ta' ikel proċessat, jiġifieri l-kafè, il-luminati, il-ħaxix iffriżat, il-patata ffriżata, l-ikel ippreżervat fil-hall u l-weraq imnixxef tal-ġuta. Dan itella' għal 14 in-numru ta' prodotti tal-ikel proċessati ta' oriġini mhux mill-animali li huma permessi. L-esperti tat-TAIEX żguraw standards

u kwalità fil-livell tal-UE ġew issodisfati permezz ta' kontrolli tal-konformità tal-faċilitajiet tal-ikel proċessat fiż-żoni mhux ikkontrollati mill-gvern.

4.3. Eżekuzzjoni finanzjarja (kuntratti u pagamenti)

4.3.1. Kuntrattar

Fl-2025, il-Kummissjoni ffirmat impenji legali li jammontaw għal EUR 29,2 miljun.

4.3.2. Pagamenti

Fl-2025, il-pagamenti totali kienu ta' EUR 38,5 miljun (EUR 40,4 miljun fl-2024).

4.4. Monitoraġġ

Il-Kummissjoni hija direttament responsabbli għall-implimentazzjoni tal-biċċa l-kbira tal-proġetti (ġestjoni diretta). Il-livell ta' monitoraġġ mill-persunal tal-Kummissjoni huwa għoli ħafna, b'kuntatti regolari mal-kuntratturi, żjarat fuq il-post, laqgħat fuq il-post u laqgħat tal-kumitat ta' tmexxija, kif ukoll kooperazzjoni mal-koordinaturi lokali tal-finanzjament tal-UE. It-tim ta' appoġġ għall-ġhotjiet kompli jipprovdi assistenza teknika biex jappoġġa lill-Kummissjoni fil-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-kuntratti tal-ġhotjiet, filwaqt li assista wkoll lill-benefiċjarji tal-ġhotjiet fl-applikazzjoni tar-regoli tal-UE dwar l-implimentazzjoni tal-kuntratti tal-ġhotjiet, inklużi regoli sekondarji tal-akkwist.

Il-Kummissjoni timplimenta wkoll diversi kuntratti permezz ta' ġestjoni indiretta. L-organi eżekuttivi bħall-UNDP, il-Bank Dinji, il-Goethe-Institut u l-GIZ, jirrapportaw lill-Kummissjoni f'konformità mal-ftehimiet rispettivi ta' kontribuzzjoni u ta' amministrazzjoni. Il-Kummissjoni hija involuta mill-qrib fil-monitoraġġ ta' kuljum ta' dawn l-attivitajiet.

4.5. Awditu u kontrolli

L-awditi mwettqa mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri fl-2025 fuq proġetti ffinanzjati skont il-programm ta' ġhajjnuna ma rriżultaw fl-ebda sejba. Is-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni ma awditja l-ebda proġett skont il-programm ta' ġhajjnuna fl-2025.

4.6. Evalwazzjoni

Fl-2022 ġiet ippubblikata evalwazzjoni indipendenti tal-programm ta' ġhajjnuna li tkopri l-perjodu 2013-2018. Ir-riżultati tal-evalwazzjoni kienu sodisfaċenti. L-evalwazzjoni kkonkludiet li l-programm għadu rilevanti u li l-impatt tiegħu kien pożittiv. Hija kkonfermat il-valur miżjud tal-UE u kkreditat lill-programm biż-żamma tal-prospett ta' riunifikazzjoni ħaj. Hija enfasizzat ukoll il-konsistenza u l-effiċjenza ġenerali tal-programm. Fl-istess ħin, l-evalwazzjoni enfasizzat li l-programm ta' ġhajjnuna, waħdu, ma jistax jikseb ir-riunifikazzjoni ta' Ċipru, li għaliha jibqgħu responsabbli ż-żewġ komunitajiet Ċiprijotti.

F'Jannar 2026 tnediet evalwazzjoni tal-programm ta' ġhajjnuna li jkopri l-perjodu 2019-2024. Ir-riżultat tal-evalwazzjoni huwa mistenni li jiġi ppubblikat fl-2027.

4.7. Informazzjoni, pubbliċità u viżibbiltà

B'mod ġenerali, fl-2025 ġew organizzati aktar minn 350 attività ta' viżibbiltà u ta' komunikazzjoni biex jintwera l-kontribut tal-UE għall-iżvilupp tal-komunità Turko-Ċiprijotta u għall-proċess ta' soluzzjoni ta' Ċipru.

4.8. Konsultazzjonijiet mal-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru

Saru laqgħat regolari mar-rappreżentanti tal-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru. Il-Kummissjoni tkompli tiddependi fuq il-kooperazzjoni tal-Gvern għall-verifika tad-drittijiet tal-proprietà u l-faċilitazzjoni tal-ħidma tal-Kumitati Tekniċi bikomunali. Il-Kummissjoni tiltaqa' regolarment mal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u mar-Rappreżentanza Permanenti tar-Repubblika ta' Ċipru għall-UE.

5. KONKLUŻJONIJIET

F'konformità mal-għanijiet tar-Regolament dwar l-Għajnuna, il-Kummissjoni tkompli tagħti assistenza biex tiffaċilita r-riunifikazzjoni ta' Ċipru billi thegġegħ l-iżvilupp soċjali u ekonomiku tal-komunità Turko-Ċiprijotta u tressaqha eqreb lejn l-Unjoni Ewropea.

Matul l-2025, l-assistenza kompliet tiffoka fuq oqsma li jippreżentaw problemi għall-konformità futura mal-*acquis*, filwaqt li żgurat ukoll li l-ħtiġijiet emerġenti jiġu indirizzati b'mod effiċjenti u f'waqtu.

L-enfasi fuq ir-rilevanza, fuq il-maturità, fuq is-sjieda u fuq is-sostenibbiltà tal-proġetti tat riżultati pożittivi u se tkompli tiggwida d-diskussjonijiet futuri dwar l-ipprogrammar. Se jkomplu jsiru wkoll sforzi sabiex jinkiseb impatt akbar u fit-tul f'oqsma prijoritarji permezz ta' azzjoni strateġika. Il-Kummissjoni tinsab lesta li tvarar-riżorsi kif meħtieġ, inkluż skont il-programm ta' għajnuna, biex tappoġġa n-negozjati ta' soluzzjoni taħt l-awspiċġi tan-NU u żviluppi ulterjuri marbuta mal-proċess.